**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' Settembru, 2016**

**Avviz Numru:- 8/2015JVC**

**Mary Xiberras**

**Vs**

**Classic Real Estate Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz fejn l-attrici talbet li s-Socjeta' konvenuta tigi kkundannata:-

thallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef mitejn u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€4250.33) dovut in linea ta' pagi ta' beneficcji ghall-impjieg li kellha mas-socjeta' konvenuta. Bl-imghax skont il-ligi. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 2015 u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet:

(i) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

(ii) Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kollha, u bl-ingunzjoni tal-attrici minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ulterjuri tas-Socjeta' konvenuta a fol. 9 tal-process fejn ziedet kif isegwi:

'Li permezz taghha qeghdha tindika wkoll l-artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-artikolu tal-ligi, apparti dak gia ndikat fir-risposta taghha, li ai termini tieghu l-azzjoni attrici hija preskritta.'

Semghet u rat il-provi, xhieda u dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Gunju, 2016 il-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attrici kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta sa mis-sena 2004 u ufficjalment (ara dokument tal ETC fol. 16) sal-ahhar ta' Marzu, 2015. Jirrizulta izda li sat-2 ta' Mejju, 2015 (xhieda Joseph Dimech fol. 88) hija kienet ghadha qed taghmel xoghol 'part-time' fi hdan l-istess socjeta' konvenuta sakemm inghatat 'hand-over' lill-impjegat il-gdid li dahal flokha. A fol. 17 tal-process tinsab esebita ittra ufficcjali datata 11 ta' Mejju, 2015 liema ittra ufficcjali izda ma tressqitx prova dwar meta giet notifikata lis-socjeta' konvenuta ghalkemm fl-atti din ma tichadx li giet ircevuta din l-ittra da parti taghha zgur wara d-data tal-11 ta' Mejju, 2015. Fl-ittra ufficjali l-attrici tressaq pretensjoni ghas-somma ta' €4,250.33 li tindika li hija 'rapprezentanti bilanc ta' pagi u beneficcji ghall-impjieg li kellha mieghek'. L-istess jinghad fl-Avviz tat-Talba li gie prezentat fil-11 ta' Gunju, 2015. Mill-affidavit ta' Mary Xiberras a fol. 79 *et seq* u d-dokumenti esebiti johrog car li l-ammont pretiz jirrapprezenta biss granet ta' 'leave' li ma ttiehdux mill-attrici bejn is-snin 2004 u 2012 u xejn aktar. Dan ikkonfermatu wkoll l-istess attrici fil-kontro-ezami taghha a fol. 90 *et seq* tal-process.

**Preskrizzjoni**

Illi ghat-talba tal-attrici s-socjeta' konvenuta ressqet eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kapitolu

16 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement indikat ukoll l-artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tista' mill-ewwel tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jindika l-perjodu ta' sena izda ghal reati relatati man-nuqqas ta' hlas ta' paga u mhux proceduri civili. Ghalhekk huwa car li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern li jikkonsisti fi proceduri civili.

Illi l-artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq sena:

(c) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiem bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu.'

Illi fl-ewwel lok irid jigi deciz minn meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv vantat mis-socjeta' konvenuta. L-attrici qed tibbaza l-pretensjoni taghha mill-ahhar paga stante li jirrizulta li hija zgur hadmet sat-2 ta' Mejju, 2014. Ma rrizultax mill-atti meta harget il-paga ghal dawn il-jiem ta' xoghol. Fil-11 ta' Mejju, 2015 ntbaghtet ittra ufficcjali li ghalkemm mhux kontestat li giet notifikata lis-socjeta' konvenuta kif gia nghad din il-Qorti ma ghandhiex prova meta fil-fatt giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fl-atti. L-attrici qed tibbaza wkoll il-pretensjoni taghha abbazi ta' dak li hija ssejjah bhala rikonoxximent tad-debitu stante li huwa nkontestat bejn il-partijiet li f'Jannar tas-sena 2015 hija nghatat pagament ta' €400 (ara fol. 60). Li huwa kontestat bejn il-partijiet hija r-raguni ghalfejn inghata dan il-pagament stante li l-attrici ssostni li dan inghata lilha bhala parti mis-somma dovuta lilha fuq il-'leave' b'lura filwaqt li s-socjeta' konvenuta ssostni li dan inghata ghal raguni kompletament estranea mill-pagi tal-attrici u cioe' bhala kumpens ghall-uzu ta' appartament fix-Xwejni li l-attrici selfet lis-socjeta' konvenuta sabiex jintuza mill-haddiema tas-socjeta' konvenuta lura fis-sena 2013.

Illi hija gurisprudenza kostanti li sabiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tirnexxi jirrikjedi li l-kontro-parti kellu jezercita l-azzjoni fi zmien sena **minn meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata.** Fil-kaz odjern l-attrici qed

titlob hlas ta' 'leave' li hija ma haditx fis-sena 2004 u kull sena sas-sena 2012. Mhux kontestat li l-attrici kienet tithallas kull xahar u li kull sena kien jinhareg rendikont u cioe' dak li huwa maghruf bhala FS 3 mill-'accountant' tas-socjeta' konvenuta li jindika dak kollu li thallset tieghu l-attrici fis-sena ta' qabel. Mhux kontestat ukoll mill-attrici li effettivament hija ma kinitx qed tithallas tal-'leave' li ma kinitx qed tiehu u dan sa mill-bidu li bdiet l-impjieg taghha mas-socjeta' konvenuta. Anzi, l-attrici tikkonferma li kull meta hija kienet tinforma lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Joseph Dimech li hija ma tkunx hadet il-'leave' kollu r-risposta tieghu dejjem kienet wahda skjetta u cioe' li kien javzaha biex tiehu l-'leave' kollu. Dan gie ammess mill-istess attrici fl-affidavit taghha a fol. 80. tal-process. Jirrizulta ghalhekk li mill-anqas kull meta nharget l-FS 3 tal-attrici wara sena xoghol (liema FS 3's kienu sahansitra jintbaghtu lilha direttament mill-accountant) l-attrici kienet tkun taf u kienet konxja li ma kinitx thalset tal-'leave' tas-sena ta' qabel. F'dan il-mument zgur li jiskatta d-dekors tal-perjodu ta' sena preskrizzjoni sabiex l-attrici titlob il-hlas tal-'leave' li hija ma nghatatx. Mill-atti ma jirrizultax sufficjentement pruvat li kien hemm xi ftehim mod iehor bejn il-partijiet sabiex il-'leave' jintiret minn sena ghall-ohra. Il-Qorti ghalhekk tqis li kull sena, zgur fil-mument li jinhareg l-FS 3 lill-attrici mis-socjeta' konvenuta kien jibda jiddekorri l-perjodu ta' sena sabiex hija titlob il-hlas tal-'leave' li ma tkunx hadet. Nonostante dan l-attrici baqghet ma hadet l-ebda passi sas-sena 2015 meta baghtet l-ewwel ittra ufficcjali ghall-pagamenti ta' 'leave' li jmorru lura mis-sena 2004 sas-sena 2012. Certament sad-data tal-11 ta' Mejju, 2015 l-ammonti kollha pretizi mill-attrici ghaz-zminijiet bejn is-sena 2004 u s-sena 2012 kienu lhom preskritti bil-perkors tal-perjodu ta' sena.

Jonqos izda li tigi analizzata l-pretensjoni tal-attrici li bil-hlas tas-somma ta' €400 fid-9 ta' Jannar, 2015 is-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet id-debitu tal-ammont pretiz mill-attrici jew ahjar irrinzunzjat ghall-preskrizzjoni. Din is-somma ssemmiet l-ewwel darba fil-kontro ta' Joseph Dimech a fol. 61 tal-process fejn gie mistoqsi mill-Avukat tal-attrici ghalfejn thalset din is-somma lill-attrici. Il-Qorti tinnota li din ix-xhieda nghatat qabel ma gie prezentat l-affidavit tal-attrici stante wkoll l-inversjoni tal-provi. Joseph Dimech spjega li fis-sena 2013 l-attrici kienet selfet lis-socjeta' konvenuta l-uzu ta' appartament fix-Xwejni, Marsalforn, Ghawdex sabiex joqghodu fih xi haddiema u li f'Jannar, 2014 bhala pagament (mhux miftiehem) ta' dak l-uzu s-socjeta' konvenuta ghaddiet is-somma ta' €400 lill-attrici. Joseph Dimech jaqbel li kien intbaghat sms lill-attrici

sabiex tghaddi l-ufficcju biex tigbor xi flus u fil-fatt din kienet gabrithom minghand x'impjegat ta-socjeta' konvenuta. Joseph Dimech jaqbel ukoll li mhux neccessarjament informali lill-attrici x'kienet l-intenzjoni wara l-pagament ta' €400 izda fl-atti mal-istess xhieda giet esebita dokumentazzjoni (a fol. 60) tal-process fejn tindika dan il-pagament li jmur lura ghal Jannar 2015 bhala 'To Mary (Xwejni)'. Ghall-kuntrarju f'dokumenti simili esebiti f'diversi partijiet fl-atti kull fejn saru pagamenti lill-attrici dawn dejjem gew indikati bhala 'Mary Wages' (ara fol. 49, 57 wara u 59). Jigi nnutat ukoll li dan l-annotament u pagament sar xhur qabel ma ntbaghtet l-ittra ufficcjali lis-socjeta' konvenuta u konsegwentement infethet il-kawza.

Da parti taghha l-attrici ssostni li hija ma gietx infurmata li dak il-pagament kien ghall-appartament ghalkemm ma tichadx li verament dan gie misluf u ntuza mis-socjeta' konvenuta. Issostni wkoll li hija naqset dak l-ammont mill-ammont dovut lilha ghal-'leave' li ma kinitx hadet u li tieghu qed tippretendi l-hlas.

Illi hija wkoll gurisprudenza kostanti li rrinunzja ghall-preskrizzjoni ghandha tkun wahda cara, ghalkemm tista' tkun implicita u mhux neccessarjament bil-miktub. F'dan il-kaz, in vista tal-provi fl-atti l-Qorti temmen li l-pagament li sar f'Jannar, 2015 sar appuntu sabiex is-socjeta' konvenuta taqta' kull konnessjoni minn mal-attrici billi hallset lill-attrici ghall-uzu tal-appartament li kienet hallietha taghmel uzu minnu bi pjacir fis-sena 2013 u dan stante li l-attrici ma kinitx ghadha tahdem maghhom. Il-fatt li dan il-pagament tnizzel fil-kotba tas-socjeta' konvenuta bhala 'To Mary (Xwejni)' sahansitra qabel ma kienet infethet il-procedura odjerna mill-attrici kontra l-konvenuta huwa ndikazzjoni li s-socjeta' konvenuta mihijiex qed tipprova turi xi haga b'ohra izda turi l-genwinita' tal-entrata bhala hlas ghall-appartament meta komparat mal-entrati l-ohra precedenti fejn meta thalset paga lill-attrici din dejjem giet indikata bhala 'Mary Wages'. Il-Qorti ma tqisx li gie pruvat lilha li b'dan il-pagament is-socjeta' konvenuta kienet b'xi mod qed tirrikonoxxi xi dejn favur l-attrici ta' 'leave' mhux imhallas jew li kienet qed tirrinunzja ghall-perjodu ta' preskrizzjoni favur taghha dwar il-pretensjoni tal-attrici.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li s-socjeta' attrici rnexxiela tipprova l-eccezzjoni taghha ta' preskrizzjoni favur taghha ai termini tal-artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk

ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tichad it-talba attrici.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din l-kawza billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara l-pretensjonijiet attrici bhala preskritti ai termini tal-artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur